MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1037/2006

**Talba Nru: 1037/06VGD**

Dove Trading Company Limited (C15596).

Vs

Joseph u Josephine konjugi Cassar.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi (i) permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xiri u bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, datat 22 ta' Ottubru 1999, is-socjeta' attrici xtrat u akkwistat, minghand il-konvenuti, il-hanut bla numru, bl-isem 'Koala Bar', fi Triq it-Tempesta, Bugibba, u dana kif jidher mill-kopja ta' l-istess kuntratt illi qieghed jigi hawn anness u

mmarkat bhaka ‘Dok. DT1’; (ii) illi ai termini ta’ klawsola tlettax (13) ta’ l-istess kuntratt, il-konvenuti obbligaw rwiehom illi, f’kaz illi l-katusi ta’ l-ilma u drenagg tal-hanut de quo jirrizultaw difettuzi, u illi kienu hekk difettuzi fid-data qabel il-pussess ta’ l-istess hanut ghadda f’idejn is-socjeta’ attrici, l-istess konvenuti jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez involuti fil-bdil ta’ l-istess u dana hekk kif determinat minn perit inkarigat mill-istess konvenuti; (iii) illi ghal dan il-ghan gie inkarigat kif dettaljat fil-kuntratt surreferit il-Perit A.V. Stivala; (iv) illi skond ir-rapport redatt mill-Perit A.V. Stivala, kopja ta’ liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. DT2, l-ispejjes involuti ghal bdil ta’ katusi difettuzi ta’ l-ilma u drenagg fil-hanut de quo, illi kienu effettivament difettuzi fid-data qabel il-pussess ta’ l-istess hanut ghadda f’idejn is-socjeta’ attrici, jammontaw ghal elf tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm1,335.12); (v) illi ghaldaqstant u ai termini ta’ klawsola tlettax (13) tal-kuntratt surreferit, il-konvenuti huma obbligati jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont komplessiv ta’ elf, tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm1335.12), oltre l-imghaxijiet legali fuq l-istess; (vi) illi ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti; (vii) illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici umilment titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jhallsu, solidalment bejniethom, lis-socjeta’ attrici s-somma kumplessiva ta’ elf, tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm1335.12), u dana skond ir-rapport redatt mill-Perit A.V. Stivala, u liema ammont il-konvenuti huma obbligati illi jhallsu ai termini ta’ klawsola tlettax (13) ta’ l-att ta’ bejgh ta’ l-istess proprjeta’ datat 22 ta’ Ottubru, 1999, fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta’ Lulju 2006, u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi (i) preliminarjament il-pretensjonijiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin; (ii) illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi l-istess

konvenuti ma jahtu xejn ghad-difetti li hemm fis-sistema tad-drenagg u dana hekk kif ser ikollhom l-opportunita' li jipprovaw l-istess konvenuti waqt it-trattazzjoni ta din il-kawza; (iii) illi in oltre l-konvenuti jirrilevaw illi ghalkemm huma intrabtu kontrattwalment mas-socjeta' attrici li huma ghandhom iwiegbu ghal dawn il-hsarat fis-sistema tad-drenagg ta' qabel ma l-imsemmi fond kien fil-pussess tas-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici tirrileva illi s-socjeta' attrici ma gabet l-ebda prova ta' dan u l-hsarat sehhew biss meta l-imsemmi fond kien gja fil-pussess tas-socjeta' attrici; (iv) salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Ra n-nota tal-konvenuti li biha b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni, huma sostnew illi d-disposizzjoni tal-ligi applikabbli hija l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ra n-nota ta' referenzi tas-socjeta' attrici, flimkien mad-dokumenti kollha annessi maghha.

Ra r-rikors tal-konvenuti tad-29 ta' Mejju 2007.

Ra d-Digriet tal-31 ta' Mejju 2007.

Ra n-nota tal-konvenuti li biha b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni huma sostnew illi apparti l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma qedin jecepixxu wkoll preskrizzjoni alternattiva u cioe dik ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici tat-12 ta' Gunju 2007.

Ra d-Digriet tal-14 ta' Gunju 2007.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-27 ta’ Gunju 2007 fejn dan it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghal sentenza preliminari fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta’ hames snin. Sussegwentement, permezz ta’ nota minnhomipprezentata, l-konvenuti ddikkjaraw illi b’referenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taghhom, d-dispozizzjoni tal-ligi applikabbli hija l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Illi aktar tard il-konvenuti pprezentaw nota ohra fejn iddikjaraw illi apparti l-Artikolu 2156(f) fuq imsemmi, huma kienu qedin jecepixxu ukoll preskrizzjoni alternattiva ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-Artikolu 2156(f) jiddisponi hekk kif gej:- ‘*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin: (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew* ***ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.’***

Illi l-Artikolu 2153 jiddisponi hekk:- ‘*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.’*

L-Artikolu 2143 jiddisponi hekk:- ‘*L-azzjonijiet kolha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista’ ssir minhabba n-nuqqas ta’ titolu jew ta’ bona fidi.*’

Illi huwa car illi l-preskrizzjoni applikabbli ghall-obbligi naxxenti minn kuntratt pubbliku hija dik ta' tletin sena (30), ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-klawsola 13 tal-kuntratt in kwistjoni, datat 22 ta' Ottubru 1999, fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, tirrigwarda obbligazzjoni kuntrattwali (u cioe li jisru l-ispezzjonijiet mehtiega fil-katusi taht certu kondizzjonijiet), li tista' twassal ghal kreditu (u cioe il-hlas tal-prezz sabiex dawn il-katusi jinbiddlu). Illi ghalhekk zgur li ma tistax tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-Artikolu 2156(f) f'dan il-kaz, ghaliex dan l-Artikolu proprju jeskludi l-hlas ta' kull kreditu (kemm jekk likwidati jew le, u kemm jekk dovuti jew ghad le) li jirrizulta minn att pubbliku. (Ara. Kawza 'Pace Balzan vs Rear Admiral Lloyd noe', deciza fl-1 ta' Awissu 1899 (PA. Imhallef G. Pullicino).

Illi lanqas ma jista' jinghad illi tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2153, ghaliex trattandosi ta' klawsola kuntrattwali li qed tigi invokata mis-socjeta' attrici, l-konvenuti ma jistghux jecepixxu l-preskrizzjoni relattiva ghad-delitti jew kwazi-delitt.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Bl-ispejjes ta' din id-decizjoni kontra l-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------